**Reġjun Għawdex**

Laqgħa Nru 56/2016

**Minuti tas-sitta u ħamsin laqgħa tal-Kumitat Reġjonali Għawdex li saret fis-Sala tal-Kunsill Lokali Rabat – Città Victoria nhar is-Sibt 9 ta' Aprul 2016 fil-11 a.m.**

Il-Laqgħa bdiet b'dawn il-membri preżenti:

| *Kunsill Lokali* | *Rappreżentant* | *Parteċipazzjoni* | *Membru Sostitut* | *Parteċipazzjoni* |
|---|---|---|---|---|
| Fontana | Sur Saviour Borg | Preżenti | Sur Victor Cefai | - |
| Għajnsielem | Sur Franco Ciangura | Preżenti | Sur Kevin Cauchi | - |
| Għarb | Sur David Apap Agius | Preżenti | Srna Carmen Vella | - |
| Għasri | Dr Daniel Attard | Assenti | Sur Emanuel Mintoff | Assenti |
| Ta' Kercem | Sur Mario Azzopardi | Preżenti | Sur Paul Mizzi | - |
| Il-Munxar | Sra Carmena Said | Indisposta | Sur Robert Mallia | Assenti |
| In-Nadur | Sur Edward Said | Skużat | Sur Eucharist Camilleri | Preżenti |
| Il-Qala | Perit Clint Camilleri | Assenti | Sur Jesmond Borg | Assenti |
| Rabat Citta' Victoria | Dr Samuel Azzopardi (President) | Preżenti | Sur Josef Schembri | - |
| San Lawrenz | Sur Noel Formosa (Viċi-President) | Indispost | Sur Anthony Formosa | Preżenti |
| Ta' Sannat | Sur Philip Vella | Assenti | Sra Frances Galea | Assenti |
| Ix-Xagħra | Sur Joseph Cordina | Skużat | Sur Aaron Agius | Assenti |
| Ix-Xewkija | Sur Paul Azzopardi | Preżenti | Sur Domenic Zerafa | - |
| Iż-Żebbuġ | Sur Nicky Saliba | Preżenti | Mr Daniel Cordina | - |
| Segretarju Eżekuttiv | Sur George Refalo | Preżenti | - | - |

1. **<u>Talba tal-bidu</u>**

1.1 Intqalgħet it-talba tal-bidu.

2. **<u>Il-proċeduri l-ġodda dwar l-iskart goff kif introdotti mill-Wasteserv Malta Ltd.</u>**

2.1 Il-President Dr Samuel Azzopardi filwaqt li rringrazzja lill-membri preżenti talli fehemu l-urġenza ta' din il-laqgħa, għarraf lill-membri preżenti dwar *e-mail* li kien irċieva s-Segretarju Eżekuttiv mingħand is-Sur David Apap Agius fejn flimkien ma' numru ta' membri oħra, kienu qed jitlobu lis-Segretarju Eżekuttiv sabiex isejjaħ laqgħa urġenti u għalhekk stieden lis-Sur David Apap Agius sabiex jagħti spjega għall-ħtieġa li tinżamm din il-laqgħa.

Qabel ma' beda l-intervent tiegħu s-Sur David Apap Agius, is-Segretarju Eżekuttiv is-Sur George Refalo, informa lill-membri preżenti li fuq talba tal-istess membri, hu kien talab sabiex għal din il-laqgħa jiġu mistiedna jattendu l-Inġinier Charlon Buttigieg, responsabbli mis-*Civic Amenity Site* f'Tal-Kus, limiti tax-Xewkija Għawdex, kif ukoll is-Sur Kevin Mercieca u s-Sur Alfred Sharples bħala promoturi ta' dawn il-proċeduri f'isem il-MEPA. Is-Segretarju Eżekuttiv infurmahom li min-naħa tal- l-Awtorita' Maltija għall-Ambjent u l-Ippjanar (MEPA) ma kien irċieva l-ebda risposta jew mod ieħor filwaqt li min-naħa tal-*Wasteserv Malta Ltd*. kien ġie mitlub jagħmel it-talba lis-CEO tal-Kumpanija sabiex ikunu huma li jiddeċiedu minn għandu jattendi jew mod ieħor. Is-Segretarju Eżekuttiv b'dispjaċir innota li anke r-rappreżentant tal-*Wasteserv Malta Ltd* naqas li jattendi ukoll u allura l-laqgħa kella titkompla xorta waħda fl-assenza ta' dawn ir-rappreżentanti rispettivi.

Is-Sur David Apap Agius filwaqt li għamel aċċenn għall-istqarrija li l-Assoċjazzjoni Nazzjonali għas-Segretarji Eżekuttivi tal-Kunsilli Lokali u r-Reġjuni (ANSEK) kienet ħarġet flimkien ma' numru ta' direttivi li kienet tat lis-Segretarji Eżekuttivi proprju minħabba l-istess kwistjoni, spjega kif hu flimkien ma' numru ta' Sindki Għawdxin kellhom l-opportunità ukoll li jitkellmu flimkien dwar dawn il-proċeduri l-ġodda li l-MEPA flimkien mal-Wasteserv Malta Ltd kienu qed jintroduċu mingħajr ebda konsultazzjoni ta' xejn la mar-Reġjuni u lanqas mal-Kunsilli, u għalhekk ħassew il-ħtieġa li jiġu diskussi b'urġenza fi ħdan ir-Reġjun. Filwaqt li stqarr li l-proċeduri infushom ma fihom xejn ħażin, il-fatt li kienu ġew introdotti bil-mod kif sar qiegħed joħloq ħafna inkonvenjenzi żejda kemm għall-Kunsill Lokali, kif ukoll lill-Kuntratturi tagħhom li joperaw fil-ġbir tal-iskart kemm domestiku kif ukoll dak meqjus *Bulky Refuse*, u saħansitra lir-residenti li għas-sempliċi raġuni li ma humiex infurmati b'ċerta tibdiliet li ġew introdotti, qed jinħolqu dawn il-kumplikazzjonijiet kollha.

Filwaqt li ġie rikonoxxut mill-membri kollha preżenti l-fatt li ċertu burokrazija għalkemm tidher żejda hija ħafna drabi bżonnjuża għax pereżempju l-applikazzjonijiet għal rimi tal-*Bulky Refuse* fl-*Amenity Site* kif mitluba mill-MEPA tiggarantixxi li l-kuntratturi jarmu biss skart li jkun ġie rapurtat lil-Kunsill rispettiv diġa u li qiegħed iwassal biex jiġu evitati inċidenti fejn ċertu skart illegali jispiċċa responsabbli tiegħu xi Kunsill Lokali intortament, is-Sur Apap Agius stqarr kif il-fatt li l-applikazzjoni biex jiġi approvat jew mod ieħor il-permess lill-Kunsill Lokali biex jibgħatt lill-kuntrattur tiegħu jarmi l-*Bulky Refuse* approvat biss, trid tinbagħat mill-Kunsill Lokali rispettiv lill-MEPA minn ġurnata qabel ma huwiex konvenjenti. Numru ta' membri oħra komplew billi stqarru ukoll li l-fatt li meta ssir l-applikazzajoni l-MEPA qiegħda tieħu ġranet sabiex tipproċessa l-applikazzjonijiet u li dan żgur ser irendi dan is-servizz utli bħala wieħed mhux vijabbli għax iċ-ċittadini mhux qed jinqdew bil-kumdita' tagħhom u fl-aħħar mill-aħħar dan l-inkonvenjent ser jagħti lok għal rimi ta' skart illegali fil-kampanja bil-konsegwenza li l-Kunsilli Lokali ser ikollhom jonfqu aktar spejjeż biex inaddfu dan l-istess rimi.

Wara diskussjoni interessanti fuq dak li kien għadu kif intqal, is-Sur David Apap Agius kompla jispjega ukoll kif proprju minħabba dawn il-proċeduri introdotti ukoll, numru ta' kuntratturi tal-Kunsilli Lokali ġewwa Għawdex li jiġbru kemm l-iskart domestiku kif ukol dak hekk meqjus *Bulky Refuse*, qegħdin jidddeżistu milli jiġbru ċertu skart domestiku x'ħin jindunaw li mhux separat kif suppost u li konsegwenza ta' dan, ir-residenti qegħdin iċemplu l-Kunsilli sabiex jilmentaw u jirrapurtaw dan lill-Kunsilli. Hu kompla jispjega kif il-kuntratturi qegħdin jagħmlu dan minħabba l-fatt li qegħdin saħansitra jintalbu jisseparaw l-iskart mill-ħaddiema tal-*Wasteserv Malta Ltd.* kemm-il darba x'ħin issir *surprise inspection* tal-iskart li jkunu qed iġorru biex jiddepożitawh ġewwa l-*Amenity Site*, jinstab li hemm xi skart li mhux suppost intrema ma' dak domestiku bil-konsegwenza li l-Kuntratturi qed jitolbu sabiex jiġi rivedut il-kuntratt sabiex ikopri dawn l-eventwalitajiet li kollox juri li ser jippersistu.

Is-Sur David Apap Agius informa lir-Reġjun Għawdex kif hu personalment ħa l-inizzjattiva li jikkuntattja kemm lid-Dipartiment tal-Gvern Lokali kif ukoll lill-*Wasteserv Malta Ltd* sabiex il-Kunsill Lokali Għarb jorganizza kampanja edukattiva fost iċ-ċittadini tiegħu fejn jiġi spjegat kif minħabba dawn il-proċeduri l-ġodda sar xi tibdil fil-mod kif jiġi separat l-iskart ġewwa d-djar u kif minkejja li l-*Wasteserv Malta Ltd* introduċiet fis-seħħ proċeduri ġodda mingħajr għarfien ta' xejn, xorta oġġezzjonat bil-qawwa għall-proposta tal-Kunsill Lokali Għarb bil-konsegwenza allura li ċertu skart li qabel kien jinġabar u issa ma għadux mhux ser jiġabar mill-kuntratturi minkejja li r-residenti dan ma jafuhx.

Wara diskussjoni interessanti fejn il-membri fil-kapaċità tagħhom ta' Sindki ta' lokalitajiet ġewwa Għawdex ressqu l-ilmenti u s-suġġerimenti rispettivi tagħhom, ġie maqbul li jkun aktar għaqli jekk jintalab *moratorium* fuq dawn il-proċeduri introdotti mill-MEPA flimkien mal-*Wasteserv Malta Ltd* u li għandha ssir diskussjoni xierqa ma' kull minn hu involut sabiex jitfassal programm ċar fl-aħjar interess ta' kulħadd li jinkludi fost kollox kampanja edukattiva fost iċ-ċittadini kollha peress li s-servizz hu biss intiż biex jinġabar l-iskart li jarmu ċ-ċittadini.

Għalhekk, ir-Reġjun Għawdex inkariga lis-Segretarju Eżekuttiv sabiex jikkoordina laqgħa mar-Rappreżentatni tal-MEPA u dawk tal-*Wasteserv Malta Ltd.* sabiex jiġu riferuti direttament lilhom dawn l-ilmenti li ċ-ċittadini flimkien mal-Kunsilli Lokali ta' Għawdex qegħdin ta' kuljum jaffaċċjaw sabiex tinstab soluzzjoni fl-aħjar interess ta' kulħadd imma l-aktar importanti taċ-ċittadini.

Il-President Dr Samuel Azzopardi, informa lir-Reġjun li nhar it-Tlieta 12 ta' April 2016, kien mistieden jattendi laqgħa mas-Segretarju Parlamentari Onorevoli Dr Stefan Buontempo flimkien mal-Presidenti tar-Reġjuni l-oħra u li minħabba l-urġenza tal-materja li kienet għadha kemm ġiet diskussa, inkariga ukoll lis-Segretarju Eżekuttiv sabiex jikteb lill-Onorevoli Bountempo fejn jitolbu biex din materja tiġi nkluża ukoll fl-Aġenda tal-Laqgħa peress li tinteressa lir-Reġjuni l-oħra kollha ukoll.

Il-laqgħa ntemmet fis-12.15 p.m. u ġiet aġġornata *sine die*.

| | |
|---|---|
| IFFIRMATA | IFFIRMATA |
| _______________________ | _______________________ |
| Dr. Samuel Azzopardi<br>President | George Refalo<br>Segretarju Eżekuttiv |